## Qorti tal-Magistrati (Malta)
## Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

## Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum, 24 ta' Mejju, 2021**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jonathan Ransley)**

**vs**

**Kareem Ouled El Hadj**

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra Karrem Ouled El Hadj, ta' 25 sena, bin Faouzi u Antonia nee' Pisani, imwieled Pieta' fid-29 ta' Lulju 1995, residenti fil-fond bin-numru 78, Triq San Enriku, Sliema u detentur tal-Karta' tal-Identita' bin-numru 329295(M).

Akkuzat talli f'xi hin nhar is-17 ta' Jannar 2021 minn gewwa 78, Triq San Enriku, Sliema:-

1. Ikkommetta serq ta' deheb u/jew oggetti ohra, lema serq huwa aggaravat bil-valur, bil-lok, u bil-persuna, liema ammont jeccedi s-somma ta' mitejn u tnejn u tletin ewro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda li ma jeccedix l-elfejn u tlett mija u disgha u ghoxrin ewro u sengha u tletin centezmu (€2,329.37) ghad-detriment ta' Anthony Pisani u/jew persuni ohra;

2. Kiser il-provedimenti tal-Artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, b'sentenza moghtija nhar is-16 ta' Frar 2020 mill-

Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenza giet definittiva u ma tistax tigi mibdula.

Rat il-kunsens ta'l-Avukat Generali biex dan il-kaz jigi trattat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali bi procedura sommarja u li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jigi hekk trattat.

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; dawn ghalhekk huma sodisfacjentement pruvati.

Illi dwar il-piena l-Qorti hadet in konsiderazzjoni min-naha n-natura tar-reati li taghhom qed jinstab hati l-imputat u min-naha l-ohra l-koperazzjoni tieghu mal-pulizija, l-ammissjoni f'l-aktar stadju bikri ta' dawn il-proceduri, u l-fedina penali tieghu li hija kwazi netta. Hadet in konsiderazzjoni ukoll il-fatt li l-parte leza, hafer lill-imputat u iddikjara li m'ghandux aktar interess f'dawn il-proceduri, kif ukoll l-fatt fis-sottomissjonijiet taghhom tal-prosekuzzjoni u d-difiza qablu li l-imputat diga beda jindirizza l-problemna tad-droga ma'l-agenzija Caritas u li huwa f'l-interess ta' kulhadd li jkompli f'din it-triq.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti wara li rat l-artikoli 261(c)(d)(e), 267, 268(b) u 269(g) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u l-artikoli 7 u 23 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq amissjoni ssib lill-imputat hati ta'l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u b'applikazzjoni ta'l-artikolu 7 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijeit ta' Malta tpoggih taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' tlett (3) snin bil-kundizzjonijiet elenkati f'l-ordni mghoti kontestwalment. Il-Qorti qed taghzel li ma titrattax ma' l-imputat ghar-reati li taghhom instab hati fis-16 ta' Frar 2020.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u bil-konsegwenzi jekk jikkommetti reat iehor fiz-zmien prefiss u jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu mghoti.

Il-Qorti tordna notifika ta' din is-sentenza lid-Direttur ta' l-Ufficju tal-Probation.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**